A.L. 8 ta' l-1999

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1999 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St. - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1997 jew wara.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) kwalifika fil-Livell Avanzat bi grad Ċ jew aħjar fl-Ingliż,

iżda kandidat li jixtieq isegwi t-taqsimiet studju ndikati għall-kors li jwassal għad-Diploma of Legal Procurator (L.P.) jew li jixtieq ikompli għall-kors li jwassal għad-Diploma of Notary Public (N.P.) u għall-Grad ta' Doctor of Laws (LL.D.) huwa meħtieġ ukoll li jkollu ċ-Ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Avanzat bi grad Ċ jew aħjar fil-Malti, qabel id-dħul fil-kors għall-N.P. / LL.D.; u

(b) kwalifika fil-Livell Intermedju f'wieħed minn dawn: il-Franċiż, it-Taljan jew il-Latin, jekk mhux diġa' offrut fil-Livell Avanzat jew ekwivalenti."